MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 108/2008

**A B C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet : li hi kienet izzewget civilment lill-konvenut fid-29 ta’ Gunju 1996, u li f’ dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom zewgt itfal li twieldu rispettivament fil-25 ta’ Settembru 1996 u fil-5 ta’ Novembru 1999 ; li hi kienet izzewget taht pressjoni minn naha tal-genituri tal-konvenut, stante li kienet harget tqila qabel iz-zwieg ; li konvivenza matrimonjali tkissret irrimedjabbilment meta l-attrici skopriet li l-konvenut kien qed jittraffika d-droga, u fil-fatt illum huwa jinsab detenut fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin ; u talbet li ghalhekk, iz-zwieg huwa null fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 ;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut irrisponda li:

1. Illi l-konvenut jaqbel illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null izda dan mhux ghar-ragunijiet iccitati mill-attrici;

2. Illi ghandu jinghad illi l-kontedenti ghamlu tliet snin gharajjes lil xulxin qabel ma zzewgu u sahansitra kienet l-istess attrici illi ghamlet it-thejjijiet ghaz-zwieg taghhom minghajr qatt ma gew infurmati il-genituri tal-konvenut;

3. Illi in oltre l-allegazzjoni ta’ segretezza dwar iz-zwieg tal-kontedenti sabiex ma jigu f’ ilsien in-nies hi ghal kollox infondata u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

4. Illi di piu’ z-zwieg bejn il-kontendenti sfaxxa mhux ghar-raguni kif erronjament iccitata mill-attrici ghar-ragunijiet illi taf hi biss; izda ghax l-istess attrici ma rnexxilix tikkonvinci lill-konvenut u l-genituri tieghu sabiex proprjeta’ parafernali tieghu tigi assenjata lilha;

5. Illi essendo illi ghan-nullita’ ta’ l-istess zwieg jahtu z-zewg kontendenti l-konvenut jikkontendi illi l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-kontendenti ugwalment.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-29 ta’ Gunju 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel li z-zwieg huwa null, izda jattribwixxi r-responsabbilita' liz-zewg partijiet.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu civilment fid-29 ta' Gunju 1996 meta allura l-attrici, cittadina Ingliza, kellha 24 sena u l-konvenut, cittadin Malti, kellu 22 sena, u wara li kienu ilhom jghixu flimkien mal-genituri tal-konvenut ghal perijodu ta' sena u nofs li matulu l-attrici harget tqila mill-konvenut.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tghid li meta hija ltaqghet mal-konvenut kienet ferhana bir-relazzjoni taghhom, tant li kienet iddecidiet li titlaq minn pajjizha, sabiex tkompli bir-relazzjoni. "At the beginning [of the relationship] he was normal, he was good, he was fine, he treated me well. We went out alot together...[but]...he was carefree, he wasn't the sort of man that was thinking of a long term relationship as such."[1]

Meta giet Malta hi bdiet tghix fid-dar tal-genituri tal-konvenut, u hemmhekk kienet trattata tajjeb daqs li kieku kienet it-tifla taghhom; imma wara li harget tqila, dawn tathom rashom u riedu jsalvaw wicchom quddiem in-nies, bir-rizultat li kienu ghamlu pressjoni kbira fuqha sabiex tizzewweg, u t-tarbija titwieled fiz-zwieg; Hija tghid li f' dak iz-zmien ma kinitx konvinta mir-relazzjoni mal-konvenut; izda "I married mainly for the security of the child."[2]

L-attrici tghid li sa dak iz-zmien ir-relazzjoni bejnha u bejn il-konvenut kienet marret lura hafna minn naha emozzjonali, tant li, tghid li kieku kien ghaliha hija ma kinitx tizzewweg. Hija tghid li, wara sena mir-relazzjoni, il-konvenut kien beda jhalliha hafna waheda d-dar, filwaqt li hu kien jqatta' granet u ljeli barra ma' shabu. Kien juri li kien insensittiv ghall-bzonnijiet emozzjonali taghha

[1] Fol.85
[2] Fol.58

nonostante l-istat taghha. Ghalhekk hija kienet bdiet tbiddel il-hsieb taghha fuq iz-zwieg mal-konvenut; izda l-pressjoni tal-genituri tal-konvenut kienet qawwija, u missieru kien qallha li wara z-zwieg kien ser jaghtihom b' donazzjoni zewg appartamenti.

L-attrici tghid li "jiena ma ridtx nizzewweg, u D daqsi ma riedx jizzewweg, imma ma kellniex alternattiva.... D ma kellux intenzjoni li maz-zwieg isir ragel tal-familja, u dan deher car mill-mod kif gab ruhu wara z-zwieg. Kien ghadu jiddeverti ma' shabu guvintur."[3]

Tghid li kwazi mill-bidu nett tal-konvivenza matrimonjali huma kienu jorqdu fi kmamar separati, peress li l-konvenut kien jidhol tard bil-lejl, u kien ukoll beda jabbuza mill-alkohol u kien jidhol id-dar fis-sakra.

Illi fl-argumenti bejn il-partijiet, kienet ta' spiss titfacca l-kwistjoni dwar l-appartamenti li missier il-konvenut, qabel iz-zwieg, u ad insaputa ta' l-attrici, kien ittrasferixxa fuq isem ibnu biss, filwaqt li l-konvenut riedet, kif imwieghda, li dawna jigu trasferiti fuq isimhom it-tnejn.

Illi, nonostante din is-sitwazzjoni matrimonjali turbulenti, l-attrici riedet li jkollha tarbija ohra sabiex it-tifel il-kbir taghhom ma jkunx wahdu, u anke bi sforz li tipprova ssalva z-zwieg. Il-konvenut kien accetta u eventwalment kellhom tarbija ohra; izda l-komportament tal-konvenut kien baqa' l-istess, jabbuza mill-alkohol u jitraskura lill-attrici u lit-tfal; ".there was no commitment at all".

Eventwalment meta skopriet li l-konvenut kien qed jhawwad fid-drogi, il-partijiet isseparaw de facto.

Illum l-attrici ghandha relazzjoni ma' ragel iehor li minnhu ghandha tarbija.

*Verzjoni tal-Konvenut*

---

[3] Fol.29

Il-konvenut jispjega li hu kien idum barra bil-lejl peress li kien jahdem bil-minibus u kien jehtieg li jahdem hafna peress li kellu dejn qawwi xi jhallas. Kien qed ihallas fuq il-LM250 fix-xahar biex ihallas id-dejn tal-minibus u tal-karrozza li kien xtara ghall-attrici fiz-zwieg.

Jghid li l-attrici kienet tbati bil-burdati u kien ikollhom xi jghidu tas-spiss;  partikolarment in vista tal-fatt li hu kien riluttanti li jittrasferilha nofs l-appartamenti li kienu tawh il-genituri tieghu qabel iz-zwieg.  Dan kien il-fonti ta’ hafna mill-inkwiet matrimonjali. Jghid li wara li zzewgu l-hajja taz-zwieg marret lura.  “Minn dak in-nhar l’ hawn ma rqadtx aktar maghha jien. Wara li kelli t-tifel, wara ftit ma rqadtx maghha.”[4]

Rigward it-tieni tarbija, huwa jghid li l-attrici kienet “dejjem teqred li trid aktar tfal; ghidna biex forsi nsolvu l-problema.”[5] Kienet tinsisti mieghu li jkollhom wild iehor, u l-konvenut accetta, ghax hu jhobbhom it-tfal. Jghid: “..dejjem xtaqt it-tfal, it-tfal inhobbhom, tista’ tghidlek li nhobbhom it-tfal.”[6]

Huwa jispjega li kienet l-attrici li ghagglet l-affarijiet biex tizzewweg, ghax hu minn naha tieghu ma kienx daqshekk akkanit ghaz-zwieg; jghid “Ma jfissirx li ghax ser ikollok tarbija bilfors trid tizzewweg. L-unika biza’ li kien hemm [kienet] li tista’ titlaqli bit-tarbija.”[7]  Din il-biza’ kienet ir-raguni li ghaliha accetta li jizzewweg lill-attrici, kunsidrat il-fatt li f’ dak iz-zmien Malta ma kinitx ghadha dahlet fl-Unjoni Ewropea.

Rigward l-abbuz mill-alkohol, il-konvenut jghid li huwa kien beda jixrob wara z-zwieg meta kien jhadem go lukanda. Jghid li “kont immur id-dar u traqqadli t-tifel biex ma narahx.”[8]  Jakkuza lill-attrici li kienet ta’ ostakolu biex jibni relazzjoni ma’ l-ewwel tifel.  Jghid li kien f’ dan l-istadju li beda jixrob, sabiex inehhi d-dwejjaq li kellu.

---

[4] Fol.100
[5] Fol.100
[6] Fol.96
[7] Fol.107
[8] Fol.114

Jghid li lill-attrici qatt ma kien ihalliha nieqsa mill-flus ; izda l-partijiet kienu jillitgaw kontinwament. Jghid li "bridna minn xulxin, ma kienx hemm imhabba".[9]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li meta l-attrici nqabdet tqila, ir-relazzjoni tal-partijiet, allura namrati, kienet diga' qed tmur lura, u kien biss dan l-fattur tat-tqala li spingiet il-partijiet sabiex jibqghu ghaddejjin bir-relazzjoni u jizzewgu ; unikament sabiex, minn naha ta' l-attrici, it-tarbija titwieled fiz-zwieg, u minn naha tal-konvenut u l-genituri tieghu, sabiex hu jkollu jedd fuq it-tarbija, peress li kien hemm ir-riskju li l-attrici titlaq minn Malta u twelled barra. Dawn il-konsiderazzjonijiet, u forsi konsiderazzjonijiet ohra ta' natura patrimonjali da parti ta' l-attrici, kienu r-raguni principali li wasslu lill-genituri tal-partijiet juzaw l-influwenza taghhom biex il-partijiet jizzewgu u li wasslu sabiex il-partijiet jaccettaw li jiehdu dan il-pass.

Illi fic-cirkostanzi l-partijiet urew immatura kbira meta, nonostante li r-relazzjoni taghhom ma kinitx sejra tajba, iddecidew li jghaddsu rashom u jizzewgu, bhal li kieku l-problemi ta' qabel ser jizvintaw fix-xejn fiz-zwieg ; fil-fatt irrizulta l-kuntrarju, ghax il-problemi kibru fil-grad taghhom. Dan kien zwieg bejn zewg persuni li kienu nsensittivi ghall-bzonnijiet ta' xulxin, b' mod partikolari l-konvenut ; u bil-komportament taghhom tul il-konvivenza matrimonjali, huma wrew nuqqas serju ta' maturita' affettiva fil-konfront ta' xulxin.

Il-Qorti tirravviza nuqqas serju da parti ta' l-attrici meta, minkejja li ma kinitx kuntenta bir-relazzjoni hija xorta wahda ddecidiet li tizzewweg lill-konvenut li, minn naha tieghu, wera nuqqas serju, meta zzewweg lill-attrici unikament biex jkollu jedd fuq ibnu, u meta dana kien jaf li bejniethom ma kienx hemm imhabba.

[9] Fol.125

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, fil-konfront taz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' Gunju 1996.

L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet konguntivament, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------